MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### TONIO MALLIA

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 492/2002/1

**Blye Engineering Co Ltd**

**Vs**

**Paolo Bonnici Ltd**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici fit-30 ta' April, 2002, li in forza taghha, wara li ppremettiet illi fit-13 ta' Gunju, 1996 is-socjeta' konvenuta ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru numru 3110/96 kontra is-socjeta' attrici fis-somma ta' hamest elef lira Maltin (Lm5000) fuq l-allegata kawzali ta' *"danni b'konsegwenza ta' inadempjenza kuntrattwali tas-socjeta' intimata u billi inutilment inzammet merkanzija li tithassar, pretensjoni li qed tigi dedotta b'citazzjoni pprezentata kontestwalment";*

Ippremettiet illi c-citazzjoni fuq riferta (citazzjoni numru 2021/96/GV) giet deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Marzu, 2001, fis-sens li t-talbiet fiha kontenuti gew kollha michuda bl-ispejjez, u minn din is-sentenza ma kien hemm ebda appell;

Ippremettiet illi, kif tixhed l-istess sentenza fuq riferta, il-mandat in kwistjoni nhareg assolutament bla bazi ta' xejn, unikament b'animu malizjus, frivolu u vessatorju, bla ma kien precedut b'interpellazzjoni jew sejha ghall-ghoti ta' garanzija idoneja skond il-ligi;

Ippremettiet illi b'rizultat ta' l-imsemmi mandat is-socjeta' attrici sofriet danni, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, li trid taghmel tajjeb ghalihom is-socjeta' konvenuta, flimkien mal-penali kontemplata mill-ligi f'kazijiet simili;

Ippremettiet illi s-socjeta' konvenuta, ghalkemm interpellata darbtejn biex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni u penali, baqghet inadempjenti;

Talbet lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex;

1. Tiddikjara l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fuq riferit gie mahrug mis-socjeta' konvenuta bla bazi ta' xejn, unikament b'animu malizjus, frivolu u vessatorju;

2. Tiddikjara li konsegwentement is-socjeta' konvenuta hija risponsabbli ghad-danni minnha kkagunati lis-socjeta' attrici bil-hrug tal-mandat in kwistjoni f'cirkostanzi simili, kif ukoll ghall-hlas ta' penali skond il-ligi;

3. Tillikwida, jekk hemm bzonn bl-opra ta' periti perizjuri, d-danni hekk kagunati;

4. Tillikwida wkoll il-penali ta' mhux anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500) u mhux aktar minn tlett elef lira Maltin (Lm3000) li s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici minhabba l-istess mandat;

5. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma hekk likwidata in linea ta' danni u penali;

Bl-imghax legali u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tas-6 ta' Mejju, 1998 u tal-5 ta' Dicembru, 2000, kontra s-socjeta' konvenuta li r-rapprezentanti taghha huma minn issa ngunti ghas-subizjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta li biha eccepiet illi;

It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

L-allegazzjoni li s-sekwestru kawtelatorju tas-socjeta' eccipjenti sar *"bla bazi ta' xejn, unikament b'animo malizjuz, frivolu u vessatorju"* hi rrikonciljabbli mal-fatt, illum stabbilit, li b'sentenza ta' dina l-Qorti tat-30 ta' Marzu, 2001 fil-kawza fl-istess ismijiet, il-pretenzjoni tas-socjeta' attrici ma gietx milqugha *"in toto"*. Dan jikkonferma li d-dritt kawtelat mis-socjeta' eccipjenti bil-mandat imsemmi, kien legittimu u gustifikat, dwar l-inadempjenza kontrattwali. Dawn id-danni tas-socjeta' eccipjenti, dawn gew limitati ghar-raguni biss li l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici fl-intier tieghu, gie depositat taht l-awtorita' ta' dina l-Qorti.

Kienet l-istess socjeta' attrici li pprocediet b'animu malizjuz meta bis-sekwestru taghha tal-11 ta' Gunju, 1996 numru 3079/96, minflok illimitat ruhha li tinnotifika lill-banek bhala sekwestratarji, kawtela adegwata u sufficjenti, nnotifikat ukoll lill-Kontrollur tad-Dwana, bil-konsegwenza li, fuq pretensjoni modesta, nzammet merkanzija ingenti li setghet tithassar. Sitwazzjoni potenzjali ta' danni disaztruzi, unikament b'konsegwenza ta' l-agir irresponsabbli u censurabbli tas-socjeta' attrici.

*Salvi* dejjem eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li resqu l-partijiet;

Rat il-process tal-kawza *"Paolo Bonnici noe vs Raymond Mallia noe",* citazzjoni numru 202/96, u li gie deciz minn din il-Qorti fit-30 ta' Marzu, 2001;

Rat l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 3110/96;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lill-Avukati tal-partijiet;

Rat in-noti tal-Osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenuti f'din il-kawza kienu accettaw *tender* tas-socjeta' attrici sabiex din tibnilha *Cold Room* u xoghol iehor konness bil-prezz globali ta' Lm33,500. Meta x-xoghol tlesta, l-inginier tas-socjeta' konvenuta ma kienx sodisfatt b'dak li sar u, fil-fehma tieghu, kien hemm diversi nuqqasijiet fl-esekuzzjoni tal-appalt da parti tas-socjeta' attrici, u dan partikolarment fil-kompressuri li kienu qed joholqu l-akbar problema. Peress li din il-problema baqghet ma gietx solvuta, l-inginier ta' parir lis-socjeta' konvenuta biex din ma thallasx l-ahhar pagament ta' tlett elef, erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm3450) li kien fadal qabel ma s-socjeta' attrici taghmel ix-xogholijiet necessarji a sodisfazzjon taghha. Is-socjeta' attrici, meta ma ircevietx l-ahhar pagament patwit, harget sekwestru (numru 3079/96) ghal dak il-bilanc. Meta rat li dan is-sekwestru inhareg ukoll f'idejn il-Kontrollur tad-Dwana li, b'rizultat tieghu, zamm fil-port *container* merkanzija intenzjonat ghas-socjeta' konvenuta, din iddepositat il-flus mitluba taht l-Awtorita' tal-Qorti u talbet il-hrug tal-opportun kontro-mandat. Fil-frattemp, peress li s-socjeta' attrici ma irrimedjatx ghall-allegata hsara fil-kompressuri tal-*Cold Room,* is-socjeta' konvenuta talbet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru (numru 3110/96) in kawtela tad-danni li kienu qied isofru minhabba l-fatt li l-kompressuri

ma kienux qed jahdmu kif suppost; ghal-fini tal-Mandat, l-ammont ta’ danni gie indikat li hu Lm5000. Is-socjetajiet fethu kawzi kontra xulxin; is-socjeta’ attrici talbet hlas tal-bilanc ta’ Lm3450 (tlett elef, erba’ mija u hamsin lira Maltin), (citazzjoni numru 1996/96), u s-socjeta’ konvenuta talbet dikjarazzjoni ta’ inadempjenza tal-appalt u sabiex dak jigi allura dikjarat xolt (citazzjoni numru 2021/96). Dawn il-kawzi gew konnessi u l-pretenzjonijiet taz-zewg partijiet gew mistharga minn perit tekniku mahtur mill-Qorti. Iz-zewg kawzi gew decizi minn din il-Qorti fit-30 ta’ Marzu, 2001.

Fil-waqt li t-talba tas-socjeta’ konvenuta ghall-dikjarazzjoni ta’ inadempjenza kontrattwali da parti tas-socjeta’ attrici giet michuda, dik tas-socjeta’ attrici ghal bilanc ta’ tlett elef, erba’ mija u hamsin lira Maltin (Lm3450) giet mnaqqsa b’mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) u dan peress li irrizulta li s-socjeta’ attrici kienet ezegwit l-appalt kollu barra r-*remote indicators* tat-temperatura fil-*Cold Room.*

Issa, s-socjeta’ attrici qed titlob danni wara l-hrug tal-Mandat ta’ sekwestru numru 3110/96 da parti tas-socjeta’ konvenuta, u dana peress li qed tallega li dak il-Mandat inhareg *“assolutament bla bazi ta’ xejn, unikament b’animu malizjus, frivolu u vessatarju, bla ma kien precedut b’interpellazzjoni jew sejha ghall-ghoti ta’ garanzija idoneja skond il-ligi”.* Din it-talba qed issir a bazi ta’ dak kontemplat fl-artikolu 836(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghar-rigward tat-talba ghad-danni minhabba nuqqas ta’ interpellazzjoni, gie deciz li din is-*“sejha”* li trid il-ligi tista’ issir *“b’xi mod”*, u semplici ittra jew talba verbali hi sodisfacenti – ara “<u>Debono vs Ohio Developments Ltd</u>”, deciza minn din il-Qorti fil-5 ta’ Ottubru, 1998. Jirrizulta mill-provi li s-socjeta’ konvenuta kienet talbet lis-socjeta’ attrici taghmel tajjeb ghall-hsara fil-kompressuri u, *kwindi,* it-talba *in kwantu* bazata fuq din il-premessa ma tistax tigi milqugha.

*In kwantu* t-talba hija bazata fuq il-malizzja u l-vessatorjeta' tal-Mandat, din il-Qorti fl-ewwel lok, ghandha dan xi tghid.

Din il-Qorti, diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef *Giannino Caruana Demajo,* f'kawza deciza fil-11 ta' Jannar, 2002, fl-ismijiet "Busietta Gardens Madliena Limited vs Civil Engineering and Contractors Company Limited et" kollha dan xi tghid dwar din il-kwistjoni;

*"Fil-fehma tal-Qorti din id-dispozizzjoni (art. 836(9)) tfisser biss illi, fil-kazijiet fejn tista' ssir kundanna ghall-hlas ta' penali, jistghu wkoll jinghataw id-danni – il-penali ma hix rimedju wahdieni; jistghu jinghataw wkoll id-danni, u l-fatt li tinghata penali ma jeskludix li jinghataw danni wkoll – u tghid x'ghandha tkun il-procedura. Il-fatt illi, meta tinghata penali, jistghu wkoll jinghataw id-danni ma jfissirx illi d-danni jistghu jinghataw biss meta tista' tinghata penali. Ukoll meta Mandat kawtelatorju jinhareg in bona fide u f'cirkustanzi li ma humiex imsemmija fl-art. 836(8) jista' jaghmel hsara lill-parti li kontra taghha jkun inhareg. Xi hadd irid ibatihom dawn id-danni: jew dak li nhareg il-Mandat kontra tieghu meta fil-fatt ma kienx debitur, jew dak li, ghalkemm mexa in bona fide meta talab il-hrug tal-Mandat, tilef il-kawza ghax fil-fatt ma kienx kreditur. Ga' rajna illi d-dritt li tikseb il-hrug ta' Mandati kawtelatorji ma hux wiehed li jinghatalek gratis; jekk taghmel hsara lil haddiehor bil-hrug tal-Mandat, ikollok taghmel tajjeb ghal dik il-hsara u mhux tippretendi li tbatiha l-parti l-ohra, li, wara kollox, tkun rebhitlek il-kawza. Nergghu lura ghal dak li jghid l-art. 829 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili dwar min hu responsabbli ghall-hrug tal-Mandat u ghall-konsegwenzi kollha li dan igib mieghu.*

*F'dan l-istadju l-kawza ghadha ma nqatghetx; ghalhekk ghadna ma nafux jekk il-hsara li jista' jaghmel il-Mandat ghandhomx ibatuha r-rikorrenti jew l-intimata; ghalhekk ukoll qieghda tintalab biss garanzija ghad-danni, mhux kundanna. Hekk kif l-intimata kellha l-jedd li titlob il-hrug tal-Mandat biex thares il-pretensjoni taghha, li ghadha biss kreditu potenzjali, mhux accertat gudizzjarjament,*

*hekk ukoll ir-rikorrenti ghandhom jedd jitolbu garanzija kontra d-danni li l-hrug tal-Mandat jista' jaghmlilhom".*

Din il-Qorti, kif presjeduta, thoss, bir-rispett kollu, li t-terminu ta' dan id-dicta huwa ftit wiesgha. Skond dik is-sentenza, jekk persuna tiftah kawza in *buona fede,* ghax genuinament thoss li ghandha ragun, u tikawtela l-pretenzjoni taghha bi hrug ta' Mandat kawtelatorju, jekk, ghal xi raguni jew ohra, titlef il-kawza, tkun passibbli ghad-danni. Din il-Qorti thoss li dan il-principju jista' jkun perikoluz ghal min ikun titolar tad-dritt, ghax il-possibilita' li kawza tintilef huwa dejjem reali, sod kemm ikun sod it-titolu pretiz mill-attur. Dan il-principju jista' jbieghed lil min ikun fis-sewwa milli jitlob ir-rimedju mill-Qrati, u dan minhabba l-biza, dejjem reali, li jitlef il-kawza u, *kwindi*, ikollu jhallas danni.

Il-principju assodat mill-gurisprudenza lokali hija li ezercizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal ghar-responsabilita' ghad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abuzat u jkun ezercitat fil-limiti permessibbli mil-ligi. Ghalhekk, gie deciz li min jiftah kawza u jitlifha ma jkunx responsabbli ghad-danni, sakemm il-ftuh tal-kawza ma jkunx sar b'mod vessatarju (ara "Farrugia vs Sammut", Kollez. Vol. XXXVIII.I.223; u "Barbara vs Fleri" Kollez. Vol. XXVIII.III.695). Huwa biss meta persuna tagixxi kapriccjosament jew b'*mala fede*, li hija tista' tkun responsabbli ghad-danni li jsegwi l-agir irresponsabbli taghha.

Din il-Qorti, ghalhekk, fil-waqt li tista' taqbel li c-cirkustanzi ta' meta min ikun hareg Mandat kawtelatorju jista' jinstab responsabbli ghad-danni, mhux limitati ghal dak provdut fl-artiklu 836(8) tal-Kap. 12, thoss li r-responsabilita' trid tohrog mill-applikazzjoni tal-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodici Civili (Kap. 16), b'mod li jkun responsabbli biss jekk jagixxi b'imprudenza, b'negligenza jew mhux bil-hsieb ta' bonus *paterfamilias.* Din il-pozizzjoni tidher li kienet abbraccjata wkoll minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef (illum President Emeritus) *Joseph Said Pullicino* fil-kawza "Spiteri vs Camilleri", deciza fl-10 ta'

Jannar, 1992. F'dik il-kawza gew riaffermati s-segwenti principji:

*(a) Illi huwa principju fundamentali illi min jezercita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-ezercizzju ikun responsabbli ghall-hsara li bhala konsegwenza jista' jbaghti haddiehor, in omagg ghall-massima "qui suo iure utitur, non videtur damnum facere", bil-konsegwenza li d-dritt ghar-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-ezercizzju tieghu mic-cittadin m'ghandu bl-ebda mod jigi mxekkel;*

*(b) Illi tali dritt tac-cittadin ghar-rikors lejn il-Qorti m'ghandux jigi abbuzat;*

*(c) Illi l-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proceduri tigi michuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma tfisser necessarjament li sar abbuz mid-dritt li tigi adita l-Qorti. "Non e' in colpa chi, credendo in buona fede di possedere un diritto, ne chiede al tribunale il riconoscimento, sebbene non vi riesca" (<u>"Demajo vs Page"</u> – Kollez. Vol. XV. Pg. 34 P.A. 24.1.1895). Dan ghaliex ghalkemm il-ligi hija l-istess ghal kulhadd, huwa veru ukoll li l-ligi hija soggetta ghall-diversi interprettazjonijiet li l-partijiet jafdaw fil-gudikant biex jinterpreta u jiddeciedi dwarhom;*

*(d) Illi tali abbuz jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta' (<u>"Emanuele Calleja vs Carmelo Grima"</u> – Kollez. Vol. XXXIX.I.24) nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negligenza gravament kolpuza (<u>"Agius vs Dott. Carbone nomine"</u> – Kollez. Vol. XIII.434), fejn min ikun adixxa lill-Qorti ghall-hrug ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti "priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non e' sufficiente a legittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite" (<u>"Mugliette vs Bezzina"</u> – Kollez. Vol. XXVI.I.405);*

*(e) Illi dan l-ahhar principju huwa bbazat fuq il-fatt li l-element ta' vessatorjeta' jimplika abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja, ghaliex inghad sew illi:-*

*"Il diritto cessa dove comincia l'abbuso … … riteniamo che basta, per protteggere tutti l'interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano i bisogni della societa', di aderire al concetto generale che tutti I diritti hanno dei limiti". Applikat dan il-principju ghad-dritt ta' azzjoni kontra persuna jfisser illi "chi agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, puo' essere condannato a pagare un'indemnita' al suo avversario …" (Baudry – Lacantinerie – Trattato Prattico di Diritto Civile – Delle Obligazioni – Vol. VI. Pg. 560).*

Din il-Qorti, kif issa diversament presjeduta mill-*Onorevoli Imhallef Raymond Pace*, fil-kawza "S N Properties Ltd vs Camilleri", deciza fis-6 ta' Gunju, 2000, kienet ukoll ta' l-istess fehma. F'dik il-kawza intqal li:

*"minn ezami tal-istess ragunijiet jidher car, li apparti xi ragunijiet specifici li gew introdotti per se fl-istess artikoli, l-ispirtu tal-istess artikoli huwa intiz, sabiex bhal ma stabbilit fil-gurisprudenza konstanti ezistenti qabel il-promulgazzjoni tal-istess emendi, ma jkunx hemm abbuz minn tali hrug ta' mandati kawtelatorji, u dan l-abbuz huwa identifikat f'kazijiet ta' mala fede, vessatorjeta' u negligenza grossolana".*

*"Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti tali kazijiet ma eliminawx per principju l-azzjoni generali ghad-danni fuq riferita fis-sentenzi citati ai termini tal-**Artikolu 1031 tal-Kap16,** dejjem fil-kuntest u b'konsegwenza ta' dritt ta' azzjoni, pero' in verita' u fil-prattika tali azzjoni, diretta ghall-hrug ta' Mandati kawtelatorji, giet illum kristalizzata bl-istess **Artikolu 836(9)**. Dan ghaliex l-istess artikolu introdott bil-ligi tal-1995, ikkodifika u applika l-principji elenkati fil-gurisprudenza ta' qabel in materia, dwar l-ezercitazzjoni ta' azzjoni ta' danni wara il-hrug ta' mandat kawtelatorju, u minn ezami tal-istess ragunijiet hekk elenkati, huwa difficli li wiehed jahseb li hemm ragunijiet barra dawk elenkati fl-*

*istess* ***Artikolu 836****, fejn l-azzjoni in generali tista' tirnexxi".*

Mill-premess, jidher, li l-pozizzjoni aktar akkredita hija dik abbraccjata minn din il-Qorti f'din il-kawza, u *cioe'*, li r-responsabilita' ghad-danni, naxxenti minn proceduri gudizzjali issib il-limitazzjoni taghha fl-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, b'zieda li tista' wkoll tiddependi mill-vessatorjieta' u/jew il-*mala fede* ta' dak li jkun nieda dawk il-proceduri. Din hi l-pozizzjoni li hadet din il-Qorti, kif presjeduta, fil-kawza "Sammut vs Sammut", deciza fil-5 ta' Gunju, 2003, u l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), kompetenza Superjuri, fil-kawza "Rapa et vs Refalo et", deciza fl-24 ta' Ottubru, 2003.

Il-Qorti ezaminat l-atti tal-process citazzjoni numru 2021/96 bid-debita attenzjoni, izda ma ssib xejn x'jindika li s-socjeta' konvenuta (attrici f'dik il-kawza) aggixiet b'*mala fede,* vessatorjeta jew negligenza grossolana. Is-socjeta' konvenuta tat appalt lis-socjeta' attrici li l-valur tieghu kien ta' tlieta u tlettin elf, u hames mitt lira Maltin (Lm33,500). Ta' din is-somma sostanzjali s-socjeta' konvenuta ippretendiet rizultat adegwat u sufficcjenti, izda meta tlesta x-xoghol, is-socjeta' konvenuta ma kienetx sodisfatta. Dan in-nuqqas ta' sodisfazzjon ma kienx bazat fuq semplici kongenturi, izda fuq opinjoni ta' espert tekniku li gie nkarigat mis-socjeta' konvenuta biex jezamina l-progett. Dan it-tekniku li qabdet is-socjeta' konvenuta hu persuna kwalifikata u gradwat fl-ingineria u fl-opinjoni tieghu, ix-xoghol ma kienx komplut u l-kompressuri li kienet qed tforni s-socjeta' attrici ma kienux *up to standard*, ghax ghalkemm gew mibdula u irrangati kemm-il darba, xorta wahda ma kienux qed jiffunzjonaw kif suppost. Is-socjeta' konvenuta kienet, fil-frattemp qed issofri danni, u il-kawza ta' dan id-danni kien jidher li kienet is-socjeta' attrici. Is-socjeta' konvenuta imxiet bil-kawtela f'dan ir-rigward, ghax ma imxietx bi proceduri legali qabel ma kellha l-opinjoni tal-espert taghha dwar x'kien ir-raguni ta' dak id-dannu. Il-fatt li l-espert tekniku imqabbad mill-Qorti u l-istess Qorti ma qabletx mal-opinjoni tal-espert tas-socjeta' konvenuta, ma jfissirx li dik l-opinjoni kienet bla bazi jew li s-socjeta' konvenuta

agixxiet malizjozament. Ma jirrizultax li da parti tas-socjeta' konvenuta jew l-espert taghha kien hemm zball grossolan jew li kien hemm *mala fede.* Is-socjeta' konvenuta kienet rinfaccjata bi progett li ma kienx qed jiffunzjona tajjeb; dan, bhala fatt, jirrizulta. Fl-opinjoni tal-inginier taghha, din id-deficenza kienet attribwibbli ghan-nuqqasijiet tas-socjeta' attrici. Is-socjeta' konvenuta ma azzardatx opinjoni hi wahedha, izda talbet opinjoni ta' persuna li tifhem fil-materja. Rinfaccjata b'dik il-veduta, is-socjeta' konvenuta ezercitat dritt li jispetta lilha, u ma jistax jitqies li f'dan l-ezercizzju hija ghandha tkun responsabbli ghall-hsara li b'rizultat jista' jbati haddiehor. Hu biss f'kaz ta' abbuz fl-ezercizzju ta' dan id-dritt, li dak li jkun jista jkun responsabbli ghad-danni, izda, f'dan il-kaz, ma jirrizultax li s-socjeta' konvenuta abbuzat mid-drittijiet taghha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza billi tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------